**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, 3 ta' Lulju 2020**

**Rikors Guramentat numru:- 90/2018BS**

**Francesco Camilleri u Marija Camilleri**

**vs**

**Joan sive Ganna Buttigieg u b'digriet tal-5 ta' Frar 2020 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmelo Buttigieg, Mary Doris Said, Elizabeth Camilleri u Rose Xuereb stante l-mewt ta' ommhom Giovanna Buttigieg fil-mori tal-kawza; Salvina Attard; Rita Said; Joseph Bonello; Emanuel Bonello; Geswalda Buttigieg; Carmela Buttigieg; Joan sive Ganna Cassar; Maria Buttigieg u b'digriet tat-3 ta' Marzu 2020 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Josephine Buttigieg, Pauline Mercieca, Mary Anne Grima, Carmela Cini u Publius Buttigieg stante l-mewt ta' Maria Buttigieg fil-mori; Pauline Mercieca; Registratur tal-Artijiet**

Il-Qorti;

**Rat ir-rikors guramentat ai termini tal-artikolu 154 et seq. tal-Kapitlu 12 tal-atturi Francesco u Marija konjugi Camilleri illi ppremettew**:

1. *Illi fil-bejgh in licitazzjoni li sar taht l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti fit-tmintax (18) ta' Jannar 2016, fl-atti tas-Subbasta numru sittax tas-sena elfejn u hmistax (Subbasta Nru. 16/2015) fl-ismijiet: 'Geswalda Buttigieg et vs Emanuel Bonello et', gew illiberati favur l-atturi:-*

(i) *id-dar markaat numru mija u disgha u sebghin (179) ga numru mija u erbgha u tletin (134), Triq San Blas, Nadur, Ghawdex, u dan versu l-prezz ta' mija u sitta u tletin elf u tmien mitt ewro (€136,800);*

(ii) *il-bicca raba' maghrufa bhala 'Tal-Lacca' fil-kuntrada 'Tal-Lacca' fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mitejn u tnejn u disghin punt hamsa metri kwadri (292.5m.k.), konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Angela Vella, Ivant u punent ma' beni ohra tal-attur Francesco Camilleri, versu l-prezz ta' hamest elef hames mija u tmenin ewro (€5,580);*

(iii) *il-bicca raba' maghrufa bhala 'Tax-Xaghri' fil-kuntrada 'Tax-Xaghri' fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka hames mija u dsatax punt decimeli tmienja metri kwadri (519.8m.k.) li minnhom sebgha u ghoxrin metri kwadri (27m.k.) huma passagg, u kollox konfinanti mit-tramuntana, nofsinhar, u lvant ma' beni ohra tal-attur Francesco Camilleri, versu l-prezz ta' erbat elef u mitejn ewro (€4,200);*

2. *Illi dan il-bejgh sar in segwitu ghas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti moghtija fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar elfejn u tnax (2012) fil-kawza fl-ismijiet: 'Emanuel Bonello et vs Giuseppa Bonello et' (Rikors Guramentat numru 52/2009), fejn ordnat il-bejgh bil-licitazzjoni tal-immobbli li huma provvenjenti mill-wirt ta' Guzeppi u Karmena li kienu mizzewgin Bonello;*

3. *Illi billi l-imsemmija fondi jaqghu f'area ta' registrazzjoni obbligatorja u huma registrabbli fit-termini tal-Kap.296 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atturi pprocedew wara l-liberazzjoni sabiex jirregistraw fit-termini tal-artikolu 12(1)(a)(c) tal-Kap.296 it-titolu taghhom ghad-dar u ghall-bicciet tar-raba' trasferiti;*

4. *Illi r-Registratur tal-Artijiet qed jirrifjuta li jirregistra t-titolu tal-atturi billi l-kwota registrata precedentement mill-konvenuti l-ohra tas-sehem li kellha l-mejta Rosaria Bonello minn dawn l-immobbli giet dikjarata li hi ta' parti minn hames partijiet (1/5) indivizi filwaqt li l-kwota korretta hi u riedet tkun ta' hdax il-partijiet minn sittin partijiet (11/60) indivizi ekwivalenti ghal zero punt decimali wiehed tmienja tlieta (0.183) kif wara kollox jista' jigi stabbilit fis-sentenza precitata;*

5. *Illi ank' s-sehem li kellu l-mejjet Francesco sive Frencu Bonello minn dawn l-immobbli gie erroneament iddikjarat ta' kwart (1/4) indiviz meta s-sehem tieghu kellu jkun proprjament ta' punt decimali tnejn tnejn disgha tnejn (0.2292), u ghalkemm is-sehem tieghu gie kkoregut b'kuntratt dikjaratorju ta' Trasferiment*

*Causa Mortis li sar fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar elfejn u sbatax (2017), ghadha sallum ma saritx id-debita korrezzjoni fir-Registru tal-Artijiet mill-eredi tieghu konvenuti fil-kawza tas-sehem li huma wirtu mill-proprjeta' kollha li giet illiberata favur l-atturi. Ghall-precizazzjoni ghadha dahlet biss il-korrezzjoni tas-sehem taghhom mill-bicca art maghrufa bhala 'Tal-Lacca' fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, deskritta hawn fuq fil-paragrafu (ii);*

6. *Illi Rosaria Bonello bint xebba tal-mejtin Giuseppe Bonello u Karmena nee' Muscat mietet intestata fit-tnejn (2) ta' Awwissu 1995, filwaqt li huha Francesco sive Frencu Bonello miet fil-hdax (11) ta' Settembru elfejn (2000), u rregola s-successjoni tieghu b'testment unica charta fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani tas-sebgha (7) ta' Dicembru elf disa' mija u wiehed u disghin (1991), fejn innomina lil uliedu konvenuti fil-kawza bhala eredi universali tieghu. Rosaria Bonello u Francesco Bonello kienu tnejn minn fost s-sitt ulied tal-mejtin Giuseppe Bonello u Karmena nee' Muscat, cioe' Maria Antonia li kienet mizzewga Saliba li mietet intestata fit-tmintax (18) ta' Gunju 1973, Grazzja Bonello li mietet intestata fis-sittax (16) ta' Settembru 1989, Rosaria Bonello, Saviour Bonello li miet fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju 1999, Francesco sive Frencu Bonello, u Giuseppa Bonello li mietet fl-erbatax (14) ta' Mejju 2014;*

7. *Illi sabiex ir-Registratur tal-Artijiet ikun jista' jaccetta li t-titolu ghall-immobbli trasferit jigi registrat fuq l-atturi, hu mehtieg li qabel ikun jista' jsir dan:*

   (a) *Il-konvenuti l-ohra jikkoregu l-kwota relattiva ghall-wirt ta' Rosaria Bonello li giet indikata b'mod skorrett fl-applikazzjonijiet ghar-regisrazzjoni bin-numri LRA-G 375/06, LRA-G 377/06 li dahlu mill-konvenuti l-ohra fir-Registru tal-Artijiet fit-tmienja (8) ta' Marzu 2006 in segwitu ghall-kuntratti dikjaratorji ta' Trasferiment Causa Mortis tal-mejta Rosaria Bonello, wiehed li sar fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru elf disa' mija hamsa u disghin (1995) fl atti tan-Nutar Mariosa Grech, u l-iehor fil-hamsa (5) ta' Frar elfejn u wiehed (2001) fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro, sabiex tigi riflessa l-kwota korretta li kellha d-decujus mill-istess immobbli;*

   (b) *Il-konvenuti eredi ta' Francesco sive Frencu Bonello jikkoregu l-kwota relattiva ghall-wirt ta' Francesco sive Frencu Bonello li giet indikata b'mod skorrett fl-applikazzjoni ghar-registrazzjoni numru LRA-G 1008/07 li dahlet minnhom fir-Registru tal-Artijiet fl-ghoxrin (20) ta' Awwissu 2007, u li baqghet ma saritx id-debita korrezzjoni ciononstante l-fatt li l-kwota tad-decujus kienet giet iddikjarata b'mod korrett fil-kuntratt dikjaratorju ta'*

*Trasferiment Causa Mortis tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar elfejn u sbatax(2017);*

(c) *Il-konvenuti kollha ad eccezzjoni tar-Registratur tal-Artijiet jirregistraw it-titolu taghhom fuq l-immobbli deskritt fuq fil-paragrafu numru (i) cioe' d-dar numru 179, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex;*

8. *Illi rigward l-ishma li kellhom Saviour Bonello, u Guzeppa Bonello dawn gew ikkoreguti kull fejn kien mehtieg u fadal biss li ssir il-korrezzjoni tal-kwota li kellha Rosaria Bonello u tal-kwota li kellu Francesco sive Frencu Bonello mill-istess immobbli akkwistati mill-atturi;*

9. *Illi l-konvenuti minkejja li gew mitluba diversi drabi sabiex jaghmlu dawn il-korrezzjonijiet u registrazzjonijiet u sa gew interpellati ghal dan il-fini b'ittra ufficjali tat-tnejn (2) ta' Marzu 2018 (Ittra Ufficjali numru 130/2018), debitament notifikata lill-konvenuti kollha, huma baqghu nadempjenti;*

10. *Illi minghajr dawn il-korrezzjonijiet u qabel ma jsiru l-istess korrezzjonijiet u registrazzjonijiet imsemmija t-titolu tal-atturi ghad-dar u ghall-bicciet art minnhom akkwistati ma jistax jigi registrat kif jitlob l-artikolu 12(1)(a)(c) tal-Kap.296 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. *Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ad eccezzjoni tar-Registratur tal-Artijiet jikkoregu l-kwota dikjarata minnhom fir-Registru tal-Artijiet provvenjenti mill-wirt tal-mejta Rosaria Bonello u l-wirt ta' Francesco sive Frencu Bonello mill-immobbli li gew mibjugha bil-qorti lill-atturi, u dan fi zmien perentorju li jigi prefiss lilhom minn dina l-Onorabbli Qorti;*

2. *Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ad eccezzjoni tar-Registratur tal-Artijiet jirregistraw it-titolu taghhom tal-kwota provvenjenti mill-wirt tal-mejtin Rosaria Bonello u Francesco sive Frencu Bonello mill-immobbli li gew mibjugha bil-qorti lill-atturi u li baqghu u ghadhom ma gewx irregistrati, u dan fi zmien perentorju li jigi prefiss lilhom minn dina l-Onorabbli Qorti;*

3. *Jekk hemm bzonn qabel isir dak mitlub fl-ewwel zewg talbiet li jigu kkoreguti l-kuntratti ta' dikjarazzjoni tat-Trasferiment Causa Mortis li saru tal-mejta Rosaria Bonello, tikkundanna lill-konvenuti ad eccezzjoni tar-Registratur tal-*

*Artijiet jikkoregu l-istess kuntratti, wiehed tal-ghoxrin (20) ta' Dicembru elf disa' mija hamsa u disghin fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech, u l-iehor tal-hamsa (5) ta' Frar elfejn u wiehed (2001) fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro sabiex tigi riflessa l-kwota korretta li kellha d-decujus mill-istess immobbli fl-epoka tal-mewt taghha, u dan fi zmien perentorju li jigi prefiss lilhom minn dina l-Onorabbli Qorti;*

4. *Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jaghmel ir-registrazzjonijiet u l-korrezzjonijiet relattivi kif mitluba fl-ewwel tliet talbiet fin-nuqqas li l-istess korrezzjonijiet isiru mill-konvenuti, u tahtar ukoll kuratur deputat sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq il-kuntratt korrettorju relattiv u jaghmel dak kollu mehtieg sabiex il-korrezzjoni tidhol ukoll u tigi registrata fir-Registru tal Artijiet;*

5. *Finalment tordna lir-Registratur tal-Artijiet jirregistra t-titolu tal-atturi ghad-dar u ghall-bicciet tar-raba' li gew illiberati favur taghhom bil-bejgh in licitazzjoni li sar fit-18 ta' Jannar 2016 ai termini tal-artikolu 12(1)(a)(c) tal-Kap.296 sabiex it-titolu taghhom isir wiehed regolari u skont il-ligi.*

*Bl-ispejjez kollha nkluzi tal-ittra ufficiali tat-tnejn (2) ta' Marzu 2018 (Ittra numru 130/2018).*

*Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsabu mharkin.*

Rat ir-risposta guramentata tal-istess Geswalda armla ta' Emmanuel Buttigieg u ta' Karmena armla ta' Joseph Buttigieg illi eccepew:

1. *Illi din il-kawza saret inutilment fil-konfront taghhom u jitolbu li jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju dana peress illi b'nota pprezentata fl-24 ta' Gunju 2009, huma kienu rrinunzjaw ghall-wirt u successjoni tal-mejjet missierhom Saviour sive Salvatore Bonello u zammew biss id-dritt tal-porzjoni rizervata;*

2. *Illi bil-ligi l-porzjoni rizervata hija fi flus, kif fil-fatt ippercipixxew l-istess konvenuti in forza ta' sentenza tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2012 fl-ismijiet: 'Emmanuel Buttigieg et vs Giuseppa xebba Bonello et';*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti jaghmlu referenza ghall-paragrafu 8 tal-istess rikors guramentat fejn qieghed jintqal li l-ishma li kellu Saviour Bonello gew ikkoreguti.*

4. *Illi l-esponenti m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-wirt ta' Guzeppa Bonello;*

5. *Illi ghar-rigward il-wirt ta' Rosaria Bonello, Saviour Bonello li kien huha kien wiehed mill-werrieta taghha ukoll. Illi ghalhekk l-esponenti ma wirtu xejn minghand Rosaria Bonello u dwar Saviour Bonello, bhala legittimarju huma hadu biss il-porzjoni rizervata fi flus kontanti;*

6. *Illi ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront taghhom ma jregux u huma ma ghandhom ibatu l-ebda spejjez ta' dina l-kawza.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

**Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Emanuel Bonello; Joseph Bonello; Salvina Attard; Rita Said; Joan sive Ganna Buttigieg; Joan sive Ganna Cassar; Pauline Mercieca; u Maria Buttigieg illi eccepew**:

1. *Illi l-eccipjenti ma jopponux u qatt ma opponew ghal dak li qed jintalab bil-prezenti kawza tant illi huma ghamlu l-almu taghhom sabiex il-korrezzjonijiet u r-registrazzjonijiet illi qed jintalbu li jsiru effettivament isiru; liema korrezzjonijiet u registrazzjonijiet pero' jidher li baqghu ma sarux ghal ragunijiet illi huma ghal kollox indipendenti mir-rieda u/jew mill-volonta' taghhom; u dan kollu kif ser jirrizulta dettaljatament fil-mori ta' din il-kawza;*

2. *Konsegwentement ukoll l-istess eccipjenti ma ghandhomx ibatu spejjez in konnessjoni ma' din il-procedura.*

3. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.*

**Rat ir-risposta guramentata tar-Registratur tal-Artijiet illi eccepixxa**:

1. *Illi mill-proceduri jidher illi l-esponent gie mharrek limitatament ghall-osservanza u integrita' tal-gudizzju. L-esponent, filwaqt illi jirrileva illi huwa*

*m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri, f'dan l-istadju jirrimetti ruhu ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

2. *Illi huwa evidenti mir-rikors guramentat u mid-dokumenti prezentati illi r-Registru tal-Artijiet dejjem mexa b'mod metikoluz fil-qadi ta' dmirijietu u r-registrazzjoni mitluba ma setghetx issir ghal raguni estraneja ghar-Registru. Dan peress illi jehtieg illi jigu korretti diversi ishma f'diversi atti causa mortis u certament mhux il-kompitu tar-Registratur tal-Artijiet illi jara illi dawn il-korrezzjonijiet isiru. Ghaldaqstant, l-esponenti m'ghandux isofri danni.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Rat illi din l-kawza kienet qed tinstema' minn din il-Qorti diversament preseduta u li giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi attwalment preseduta f'Mejju, 2019.

Rat ix-xhieda u l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Ottubru, 2019, il-partijiet inghataw il-fakulta illi jipprezentaw in-noti ta' osservazzjonijiet taghhom u li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**IKKUNSIDRAT.**

**It-Talba.**

L-atturi permezz tar-rikors gurmentat jghidu illi huwa xtraw tliet propjetajiet b'licitazzjoni in segwitu ta' sentenza moghtija fit-22 ta' Frar, 2012. Irrizulta illi dawn il-proprjetajiet kienu jaqghu f'arja ta' registrazzjoni obbligatorja u huma registrabbli. Ghalhekk wara l-att ta' liberazzoni huma marru r-Registru ta' l-Artijiet sabiex jirregistraw it-titolu taghhom fuq

dawk il-propjetajiet. Gara izda li r-Registratur irrifjuta illi jirregistra t-titolu u dana minhabba li skont l-atturi, il-konvenuti f'din il-kawza kienu rregistraw is-sehem taghhom f'dawk il-proprjetajiet akkwistati minnhom liema sehem ma kienx jaqbel mas-sehem illi kien gie stabbilit mill-Qorti fis-sentenza msemmija. L-atturi jsostnu illi l-kwota ndikata bhala 1/5 kellha tkun 11/60, u dak indikat bhala ¼ kellu jkun ta' 0.2292. Jghidu illi qabel mal-konvenuti jikkoregu l-kwoti zbaljati kemm fil-causa mortis kif ukoll fl-applikazzjoni minnhom sottomessa ghar-registrazzjoni tal-proprjetajiet msemmija huma jinsabu prekluzi milli jirregstraw it-titolu taghhom. Isostnu illi minkejja illi ilhom jitolbu lill- konvenuti sabiex dawn jaffettwaw il-korrezzjonijiet mehtiega, il-konvenuti naqsu milli jaghmlu dan u ghalhekk kellhom jirrikorru l-Qorti b'din il-kawza sabiex il-konvenuti jigu ordnati jaghmlu l-korrezzjonijiet mehtiega kif ukoll sabiex ir-Registratur ta' l-Artijiet jigi ordnat jirregistra t-titolu taghhom.

Min-naha taghhom il-konvenuti Geswalda u Emmanuel Buttigieg jilqghu ghat-talbiet ta' l-atturi billi jghidu illi huma ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gurdizzju ghax il-kawza saret inutilment fil-konfront taghhom. Jghidu illi huma kienu rrinunzjaw ghall-wirt u s-successjoni ta' Saviour sive Salvatore Bonello u kienu zammew biss id-dritt tal-porzjon rizervat. Jghidu illi huma ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-wirt ta' Guzeppa Bonello. Minghand Rosaria Bonello ma wirtu xejn gia la darba kien wiritha Saviour Bonello u huma hadu biss il-porzjon rizervat. Fid-dawl ta' dan kollu isostnu illi m'ghandhomx ibatu spejjez.

Ir-Registratur ta' l-Artijiet min-naha tieghu jghid illi huwa wkoll gie mharrek inutilment u ma ghandux ibati spejjez. Jghid illi huwa mexa korrettament u b'mod metikoluz u r-registrazzjoni ma saritx minhabba ragunijiet li ma humiex imputabbli lilu stante illi jridu jsiru diversi korrezzjonijiet f'atti causa mortis li hu ma jahti xejn dwar dan. Isostni illi ma hux kompitu tieghu illi jara li l-korrezzjonijiet isiru.

Il-konvenuti l–ohra jinsistu illi huma qatt ma opponew ghall-korrezzjonijiet u registrazzjonijiet. Jghidu illi dawn ma sarux mhux minhabba xi nuqqas taghhom u ndependentement mill-volonta' taghhom. Jiddikjaraw illi m'ghandhomx ibatu spejjez.

Fil-mori tal-kawza intant mietu Giovanna Buttigieg u Maria Buttigieg u ghalhekk saret it-trasfuzzjoni tal-gudizzju permezz ta' zewg digrieti wiehed fil-5 ta' Frar, 2020 u l-iehor fit-3 ta' Marzu, 2020.

**Provi - Xhieda**

**L-attur Francesco Camilleri** permezz ta' affidavit mahluf fid-19 ta' Ottubru, 2018[1] jiddikjara illi huwa xtara d-dar u z-zewg bicciet raba' bis-subbasta fit-18 ta' Jannar, 2016. Dawn kienu gejjin mill-wirt ta' Guzeppi u Karmena Bonello. Jghid illi kien hemm kawza bejn il-werrieta li fl-ahhar wasslet ghall-bejgh b'licitazzjoni tal-proprjeta'.

Jghid ukoll illi billi l-fondi akkwistati minnu jaqghu f'zona ta' registrazzjoni huwa kien talab lill-avukat tieghu sabiex johodlu hsieb ir-registrazzjoni tal-proprjetajiet. Gara izda meta dan mar sabiex jirregistrahom sab illi uhud mill-werrieta ta' Guzeppi u Karmena Bonello kienu ghadhom ma rregistrawx il-kwoti taghhom u kien hemm werrieta ohra illi rregistraw il-kwoti zbaljati.

Fost il-kwoti li ghadhom ma gewx registrati hemm is-sehem illi kellu Frencu Bonello mid-dar u l-bicca art maghrufa "tax-Xaghri" fin-Nadur. Imbaghad hemm il-kwota ta' Rosaria Bonello illi ghalkemm giet registrata, izda is-sehem huwa ddikjarat hazin. Jghid illi din il-kwota hija zbaljata anke fil-*causa mortis* u ghalhekk trid issir korrezzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni wkoll. L-attur ikompli jghid illi billi dawn il-korrezzjonijiet ghadhom ma sarux ir-Registratur ta' l-Artijiet ma rregistrax it-titolu tieghu fuq il-proprjeta' akkwistata minnu.

Ikompli illi l-kwoti ta' Saviour Bonello u Guzeppa Bonello illum huma korretti ghax Margaret Muscat u Joseph Bonello ghamlu l-korrezzjonijiet mehtiega.

[1] A fol. 106 tal-process

Ikompli illi rigward l-ismha ta' Maria Antonia Saliba u Grazzja Said, billi dawn mietu qabel ma' l-proprjeta' indikata kienet iddikjarata illi taqa' f'zona ta' registrazzjoni obbligatorja, ma hemmx problema.

Jilmenta illi ilu zmien twil jitlob lill-werrieta ta' Rosaria Bonello, illum il-konvenuti sabiex jaghmlu l-korrezzjonijiet mehtieg izda kollu ghalxejn. Jikkonferma li Margaret Muscat u Joseph Bonello kienu qed jaghmlu l-almu taghhom sabiex il-korrezzjonijiet isiru.

Fil-konfront ta' Geswalda Buttiegieg u Carmela Buttigieg jghid illi dawn ukoll naqsu milli jaghmlu l-korrezzjonijiet fil-*causa mortis* illi huma kienu ghamlu flimkien mal-konvenuti l-ohra.

**Margaret Muscat** min-naha taghha permezz ta' affidavit mahluf fit-30 ta' Ottubru, 2020[2] tiddikjara illi hija wirtet lil missierha Saviour Bonello u liz-zija taghha Guzeppa Bonello. Tghid illi hija hadet hsieb illi tirregistra l-kwoti taghha korrettament mar-Registru ta' l-Artijiet. L-ismha rregistrati ta' 0.2292 l-wiehed huma dawk skont is-sentenza illi giet deciza fit-22 ta' Frar, 2012.

Tikkonferma li fid-denunzja illi kienet ghamlet fl-atti tan-Nutar Dr. Mariosa Grech fl-1999 kienet ta' ¼. Wara s-sentenza hija tghid illi marret u ghamlet att korrettorju u llum is-sehem taghha huwa rregistrat skont kif tghid is-sentenza *sopra* citata.

Rigward is-sehem ta Rosaria Bonello, irrizulta illi f'dan il-kaz ukoll is-sehem iddikjarat fid-denunzja u fir-Registru ta' l-Artijiet kien zbaljat. Kien ghalhekk illi hadet l-izbriga u qabbdet lill-avukat taghha sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet li hemm bzonn. Tghid illi anke kellmu lin-Nutar Maria Vella Magro sabiex tfttex taghmel ix-xoghol necesarju izda din baqghet ma ghamlet xejn.

[2] A fol.115 tal-process

Tghid illi hija ghadha sallum disposta illi jsiru l-korrezzjonijiet kollha li hemm bzonn.

**L-Avukat Mario Scerri** wara li nheles mis-sigriet professjonali mill-attur[3] jghid illi huwa kien gie nkarigat mill-attur sabiex jipprepara cedola ta' depozitu li permezz taghha l-attur iddepozita l-qorti l-prezz li bih gew liberati l-fondi mixtrija bis-subbasta.

Jghid illi billi dawn l-fondi jaqghu f'zona ta' registrazzjoni obbligatorja huwa mar biex jirregistra l-istess fondi fir-Registru ta' l-Artijiet. Rigward l-ishma ta' Maria Antona Saliba u Grazzja Saliba ma kienx hemm problemi billi dawn kienu mietu qabel il-fondi gew inkluzi fiz-zona ta' registrazzjoni obbligatorja.

Ikompli li s-sehem ta' Guzeppa Bnello dan kien registrat korrettament billi Margaret Muscat kienet ghamlet il-korrezzjoni necessarja.

Rigward is-sehem ta' Saviour Bonello dan kien gie kkorregut ukoll sabiex ikun in konformita' mas-sehem stabbilit fis-sentenza gia msemmija.

Ikompli illi l-ishma illi jridu jigu kkorreguti huma ta' Frencu Bonello u Rosaria Bonello. Il-konvenuti kienu ghadhom ma effettwaw l-ebda korrezzjoni ta' dawn l-ishma u ghalhekk l-atturi ma setghux jipprocedu bir-registrazzjoni tat-titolu taghhom.

Ikompli li n-Nutar li kienet ghamlet id-denunzja ta' Frencu Bonellu u Rosaria Bonello kienet in-Nutar Maria Vella Magro. Jghid illi huwa ghamel kuntatt maghha sabiex isiru l-korrezzjonijiet fid-denunzja sabiex dawn jirriflettu dak deciz mill-Qorti. Di fatti l-korrezzjoni tad-denunzja ta'

[3] Affidavit ta' l-attur a fol. 107 tal-process

Frencu Bonello saret in parte billi saret biss il-korrezzjoni tal-bicca art msejha bhala "tal-Lacca". Dan ifisser illi ghad jonqos il-korrezzjoni tas-sehem li kellu mill-fond 179, Triq San Blas, Nadur kif ukoll tal-bicca raba msejha "tax-Xaghri", li tinsab Nadur wkoll.

Ikompli li rigward sehem Rosaria Bonello, jghid illi la gie kkoregut fid-denunzja sehemha mid-dar fi Triq San Blas, Nadur u lanqas gew ikkoreguti sehemha mir-raba "tal-Lacca" u "tax-Xaghri" fir-Registru ta' l-Artijiet. Minhabba dawn in-nuqqasijiet l-atturi qed jinzammu milli jirregistraw it-titolu taghhhom.

Ma' l-affidavit Dr. Scerri esebixx l-korrispondenza illi ghaddiet bejnu u bejn in-Nutar Vella Magro.

**In-Nutar Maria Vella Magro** xehdet[4] illi l-kwoti ddikjarati huma differenti minn dawk illi ddecidiet il-Qorti fis-sentenza taghha. Tghid illi d-Direttur tar-Registru ta' l-Artijiet accetta l-ishma kif hadmithom hi u li kienu kkumplikati. Tghid illi issa kulma jonqos huwa li taghmel il-kuntratti, pero' il-problema hija min ser ikun qed ihallas ghalihom. Tghid illi l-partijiet involuti f'dawn il-korrezzjonijiet kienu qed isibuha difficli jiddeciedu min ser ihallas u ghalhekk riedu jistennew.

Din ix-xhud tafferma illi fil-2017 kienet ghamlet kuntratt korrettorju, u imxiet skont il-persentaggi li kien hemm fis-sentenza izda ma setghux jahdmu ghax skont hi l-persentaggi li hemm fis-sentenza huma hziena. Tghid illi l-att korrettorju ghamlitu u thallset izda l-ishma huma hziena u ghalhekk rega' waqaf kollox. Tghid ukoll li kellha tahdem l-ishma kollha mill-bidu izda ma sar l-ebda progress.

Rigward l-involviment ta' Gewswalda Buttigieg u Carmela Buttigieg in-Nutar Vella Magro tippreciza illi dawk iridu jidhru fl-ewwel bicca ta' l-att

[4] Seduta 2 ta' Ottubru, 2019, a fol 178 tal-process

fejn issir premessa li tispjega li huma rrinunzjaw ghall-wirt u ma ghandhomx x'jaqsmu ma' l-eredita'. Issostni li trid tinvolvi lin-nies kollha fil-kuntratti. Tghid ukoll illi kemm Gerwalda u kemm Carmela Buttigieg ma ridux jiffirmaw[5].

**FATTI**.

Mill-atti jirrizultaw is-segwenti fatti:

a) l-atturi xtraw tliet proprjetajiet bis-subbsata u meta gew biex jirregistrawhom ma setghux ghax sabu illi dawn kienu gia registrati bi kwoti zbaljati. Ir-registrazzjonijiet kienu gew effettwati mill-konvenuti meta dawn wirtu l-proprjetajiet u wara illi l-konvenuti kienu anke ghamlu d-dikjarazzjonijiet *causa mortis*;

b) Gew ipprezentati ir-registrazzjonijiet tar-raba maghrufa bhala "tal-Lacca" u r-raba maghrufa bhala "ta' Xaghri" derivanti mill-eredita ta' Rosaria Bonello li jirrizulta li gew registrati fit-8 ta' Marzu, 2006[6] fil-waqt li s-sehem fir-raba maghrufa "ta Xaghra" derivanti mill-eredita ta' Frencu Bonello giet registrata fl-20 ta' Awissu, 2007;

c) B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri tat-22 ta' Frar, 2010, gew stabbiliti l-ishma li l-werrieta ta' Guzeppi u Karmena Bonello kellhom mill-wirt. Billi whud minn dawn il-werrieta kienu mietu l-Qorti ghalhekk ghaddiet sabiex tistabbilixxi l-kwota li ddevolviet fuq l-eredi taghhom[7];

d) L-ishma decizi mill-Qorti fis-sentenza msemmija huma s-segwenti :

| | | |
|---|---|---|
| **i)** | **"L-eredi ta' Grazzja Said (nee' Bonello)** | **0.2292** |
| **ii)** | **L-eredi ta' Saviour Bonello** | **0.2292** |
| **iii)** | **L-eredi ta' Frencu Bonello** | **0.2292** |
| **iv)** | **Il-konvenuta Guzeppa Bonello** | **0.2292** |
| v) | **Wirt battal ta' Anthony Saliba** | **0.0833"**[8] |

[5] A fol. 183 tal-process
[6] A fol. 46 u 48 tal-process
[7] A fol.22 tal-process
[8] A fol. 22 tal-process

e) Din is-sentenza ma gietx appellata ghalhekk ghaddiet in gudikat;

f) L-eredi ta' Guzeppa Bonello u Saviour Bonello effettwaw il-korrezzjonijiet fl-ishma ddikjarati fil-*causa mortis* u fir-registru ta' l-artijiet sabiex jirriflettu s-sehem stabbilit mill-Qorti fis-sentenza msemmija;

g) Sehem Frencu Bonello mill-fondi llum akkwistati mill-atturi, gie kkoregut fid-denunzja izda mbaghad il-korrezzjoni fir-Registru ta' l-Artijiet sabiex jigi rifless il-korrezzjoni fl-ishma fil-fond 179, Triq San Blas, Nadur u r-raba msejha "tax-Xaghri", Nadur ghadhom ma sarux. Saret biss il-korrezzjoni tas-sehem fil-bicca raba msejjha "tal-Lacca" Nadur;

h) Sehem Rosaria Bonello la gie kkoregut fid-dikjarazzjoni *causa mortis* u lanqas fir-Registru ta' l-Artijiet;

i) Geswalda Buttigieg u Carmela Buttigieg irrifjutaw illi jiffirmaw xi att korrettorju ghax skont huma gia la darba rrinunzjaw ghall-wirt u zammew biss id-dritt ghall-porzjon rizervat ma kellhom ghalfejn jiffirmaw ebda dokument iehor, minkejja illi kienu parti fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Saviour Bonello;

j) Il-konvenuta Margaret Muscat u Joseph Bonello ikkorregew sehemhom permezz ta' att korrettorju ghad-dikjarazzjoi *causa mortis* rigward is-sehem taghhom mill-wirt ta' Guzeppa Bonello;

k) Kien hemm diversi kommunikazzjonijiet bejn l-avukat ta' l-atturi Dr. Mario Scerri u n-Nutar Vella Magro sabiex din ta' l-ahhar tlesti l-korrezzjonijiet izda n-Nutar Vella Magro minkejja li tikkonferma li hemm qbil dwar l-ishma tikkonferma wkoll li d-diffikulta taghha hija min ser ihallas tax-xoghol illi ser ikollha taghmel u ghalhekk ghadu ma sarx progress;

Minn analizi ta' dawn il-fatti kollha flimkien huwa ben car illi s-sentenza illi stabbiliet l-ishma llum hija *res gudikata*. Huwa principju assodat fil-gurisprudenza illi sentenza illi tkun ghaddiet in gudikat tikkostitwixxi titolu bejn il-partijiet f'dik il-kawza. Fil-kaz tar-*res judicata* jenhtieg il-konkorrenza ta' tlett lementi u cioe' ***eadem res, readem personae, eadem***

***causa petendi***[9]. Dawn it-tliet elementi iridu jikkonkorru flimkien sabiex tirnexxi ghaliex altrimenti *nisi omnia concurrunt, alia res est*. Barra minn hekk "**il-gudikat jaghmel stat ghal kull effett tal-ligi bejn il-partijiet, l-eredi u l-aventi kawza taghhom**"[10] Di piu' *res judicata pro veritate habetur*, kif ukoll *interest rei publicae ut sit finis litium*[11].

Dan ifisser illi l-ishma stabbiliti fis-sentenza tat-22 ta' Frar, 2012 huma stat ghall-konvenuti fil-kawza odjerna bl-eccezzjoni izda tar-Registratur tal-Artijiet. Il-Qorti rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' dan il-konvenut u minn hemm jidher car illi huwa ma jaqbilx mal-ishma li waslet ghalihom il-Qorti fl-2012. Ir-Registratur ta' l-Artijiet jaghti anke ragunijiet ta' kif wasal ghall-ishma tieghu. Madankollu, izda dak illi jghid fin-nota jikkostitwixxi biss osservazzjoni u mhux prova. Dan qed jinghad billi matul il-perkors tal-kawza dan il-konvenut qatt ma qajjem l-argument u ma gab l-ebda prova illi l-ishma ma humiex kif dikjarati fis-sentenza. Lanqas fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu ma jaghmel referenza ghal dan. Kif gia nghad ir-Registratur ma gab ebda prova izda mbaghad ghazel illi jinfilza l-argument fin-nota ta' l-osservazzjonijiet. Kieku ried kellu kull opportunita' illi jressaq provi ghall-iskrutinju ta' din il-Qorti rigward l-ishma msemmija.

L-Artikolu 165 tal-Kap 12 kodici ritwali jipprovdi illi :

"**Il-qorti, wara l-egħluq tal-proċedura bil-miktub, tista' tagħti, fuq talba ta' waħda jew oħra mill-partijiet, il-permess li tippreżenta, fiż-żmien li jiġi mogħti mill-istess qorti, skrittura li tiġbor fil-qosor ir-raġunijiet ta' dik il-parti, kemm-il darba l-parti l-oħra ma turix li dan il-permess sejjer iġib dewmien bi ħsara għaliha**."

Huwa ben car illi nota ta' osservazzjonijiet ma taghmilx parti mill-assjem tal-provi u dana ghax kif ipprovdut din issir wara l-eghluq tal-provi. Huwa ghalhekk illi l-Qorti tqis illi fatt mitfugh f'nota ta' osservazzjonijiet

[9] Charles Cortis vs Francis X Aquilina et PA 25 tta' Settembru, 2003.
[10] Joseph Agius et vs Maria Fenech, Appell Inferjuri, deciza 5 ta' Marzu, 2010.
[11] J.E.M. Investments Limited vs Chevron Limited u B&B Property Development Limited, Appell Inferjuri, deciza 25 ta' Gunju, 2010.

importanti kemm hu mportanti ma jistax jigi evalwat minnha daqs li kieku gie pprezentat waqt l-istadju tal-provi. Dan qed jinghad stante illi r-regim tal-produzzjoni tal-provi huwa regim illi jrid jigi osservat rigorozament u dan a bazi tal-principju *"equality of arms"*. Barra minn hekk il-Qorti ma tistax tiskarta jew addirittura tinjora l-principju fundamentali ta' gustizzja illi kull parti ghandha d-dritt li tressaq l-evidenza necessarja sabiex tipprova l-kaz kif ukoll id-dritt illi ssir kontro ezami ta' dik l-evidenza.[12] Il-Qorti tqis illi fatt imzerzaq f'nota ta' osservazzjonijiet bhal fil-kaz in ezami jilledi dawk id-drittijiet u ghalhekk il-Qorti ma hix ser taghtih piz.

Infatti ntqal illi l-Qorti ghandha dejjem tassikura li "**l-partijiet jinghataw l-opportunita li jressqu l-provi taghhom u l-possibilita li jaghmlu d-deduzzjonijiet u l-kontrodeduzzjonijiet taghhom. Dan il-principju jabbraccja kwalsiasi materja ta' fair hearing u ta' l-equality of arms. Ara "Antonio Sammut -vs- John Bella McCance", Prim' Awla, Qorti Civili, 29 ta' Mejju, 1946 u "Joseph Grech vs-Avukat Generali", Qorti Kostituzzjonali, 20 ta' Dicembru, 2000. Il-principju hu nderogabbli in kwantu ta' ordni pubbliku;**

**3. Il-garanzija espressa b'dan il-principju sservi biex ikun assigurat difiza xierqa b'mod li l-partijiet jinghataw id-dritt tal-kontroll shih tal-provi u dak tal-fairness tal-process. Dan fuq zewg livelli, u cjoe (i) li jinghataw il-possibilita' li jiddefendu l-kaz taghhom permezz ta' rapprezentant legali u (ii) li jinghataw il-facilita` li jikkontro-ezaminaw lix-xhieda b'konfront dirett. Jekk dan ma jsirx jigi nieqes dak il-fairness li hu ghab-bazi ta' l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni. Ara fost bosta ohrajn "Il-Pulizija -vs- Carmelo Ellul Sullivan et", Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' April, 1989 u "Carmelo Camilleri -vs- Onor. Prim Ministru et", Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju, 1999."**[13]

Fil-kaz odjern ghalhekk huwa car illi l-Qorti hija obbligata illi tiskarta l-kalkoli ta' l-ishma mahduma mir-Registratur ta' l-Artijiet stante illi dawn ma jikkostitwixxux prova.

[12] Clayton R. & Tomlinson H. – Fair Trial Rights.
[13] Angelo Buttigieg v Fibre Marketing Ltd, Qorti ta' l-Appell, deciza 6 ta' Ottubru, 2010.

Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tqis l-argumenti sollevati mill-konvenuti rigward l-ispejjez tal-kawza u min ghandu jbatihom. Din il-Qorti fliet l-atti inkluz il-kommunikazzjoni estensiva li ghaddiet bejn in-Nutar Vella Magro u l-avukat ta' l-atturi u huwa ben car illi n-Nutar bdiet issib diffikulta sabiex tirredigi l-atti mehtiega minhabba li bdiet tipprecepixxi li kien ser ikollha problema sabiex tithallas mill-partijiet. Jidher illi inhela hafna hin fi tfettieq dwar min kellu jhallas u kemm, u l-partijiet donnhom ftit li xejn kien jinteressahom illi dan id-dewmien qed jikkawza problema lill-atturi. Huwa minnu li l-emendi li hemm bzonn jirrikjedu hin u attenzjoni u konsegwentement il-hlas dovut, pero' ir-responsabblita illi dan il-process ta' registrazzjoni ta' l-art jinghalaq imur ferm lil hinn mill-argument ta' min ser ihallas u f'liema sehem ser isir dan il-hlas. Huwa fatt mhux kontestat, addirittura anke accettat minn Nutar innifisha illi l-korrezzjonijiet huma mehtiega u ghalhekk dan id-dilungar ma hux accettabbli aktar u aktar meta jirrizulta illi Margaret Muscat, xhud prodotta mill-attur tiddikjara illi hija kien irnexxiela taghmel il-korrezzjonijiet mehtiega. F'dan l-istadju l-Qorti tosserva illi hawnhekk trid issir riflessjoni agguntiva u cioe' li f'kazijiet bhall-kaz odjern, il-qorti trid toqghod attenta u tiddistilla mill-matassa ta' provi, il-kondotta genwina minn dik kapriccuza u fid-dawl ta' dan ser tizen dan kollu sabiex tiddeciedi dwar l-ispejjez.

Mill-atti jirrizulta li:

a) Geswalda Buttigieg u Karmena Buttigieg jecepixxu illi huma m'ghandhomx ibatu spejjez stante li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-wirt ta' Guzeppa Bonello. Rigward il-wirt ta' Rosaria Bonello, jghidu illi ma wirtu xejn minn ghandha u mill-wirt ta' Saviour Bonello hadu biss il-porzjon rizervata. A bazi ta' dawn ir-ragunijiet waslu ghall-konkluzzjoni illi min-naha taghhom ma kienx hemm bzonn illi jinvolvu ruhhom fil-korrezzjonijiet li huma mehtiega li jigu effettwati fl-ishma dikjarati fid-dokumenti kollha koncernati. Minn qari akkurat tax-xhieda moghtija minn Nutar Vella Magro[14] jirrizulta izda illi l-firma ta' dawn iz-zewg konvenuti hija mehtiega billi huma kienu partecipi f'denunzja fejn l-ishma kienu dikjarati hazin. Barra minn hekk jirrizulta mill-atti illi dawn iz-zewg konvenuti fit-8 ta' Marzu,

[14] Seduta 2 ta' Ottubru, 2019, a fol 183 tal-process

2006, kienu fost dawk l-akkwirenti illi ddikjaraw is-sehem ta' kwinta (1/5) indiviz ta' bicca raba maghrufa bhala "Tax-Xaghri", fil-kuntrada tax-Xaghri fil-limiti tan-Nadur[15]. L-istess konvenuti iddikjaraw kwinta (1/5) indiviz ta' bicca raba maghrufa bhala tal-Lacca" fil-kutrada "tal-Lacca" limiti tan-Nadur. Barra minn dawn iz-zewg dokumenti hemm ukoll id-dikjarazzjoni *causa mortis* addizzjonali ghal dik maghmula mill-istess partijiet fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech, fl-20 ta' Dicembru, 1995 rigward il-proprjeta' immobiljari li gejja mis-successjoni ta' Rosaria Bonello. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, dawn iz-zewg konvenuti kien imesshom resqu ghall-korrezzjoni minghajr titubar. Id-dewmien taghhom ikkontribwixxa sabiex gie stultifikat process ta' registrazzjoni li bi ftit volonta u rieda tajba seta' jigi konkluz minghajr kumplikazzjonijiet. Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi dawn iz-zewg konvenuti ghandhom igorru parti mill-ispejjez gudizzjarji ta' din il-kawza.

b) Fil-konfront tal-konvenuti l-ohra minbarra r-Registratur ta' l-Artijiet, il-Qorti ser tadotta l-istess fil ta' hsieb kif ukoll konkluzzjonijiet sollevati minnha fil-paragrafu precedenti. Irid jinghad illi ghalkemm dawn il-konvenuti jecepixxu illi huma ma opponewx u ma kienux ser joggezzjonaw ghall-korrezzjonijiet mehtiega, madankollu minn imkien ma jirrizulta illi huma hadu x'inizjattiva jew ghamlu xi pass konkret sabiex tingheleb din id-diffikulta rigwardanti l-korrezzjoniijiet. Di fatti l-atturi kellhom jirrikorru ghall-process gudizzjarju sabiex il-konvenuti jigu ordnati jaghmlu l-korrezzjonijiet li hemm bzonn ghax sal-lum dawn l-emendi ghadhom ma sarux. Ghalhekk huma wkoll ghandhom ihallsu parti mill-ispejjez tal-kawza odjerna.

c) Min-naha tieghu ir-Registratur ta' l-Artijiet fin-nota ta' eccezzjonijiet jghid illi huwa dejjem mexa b'mod metikoluz. Jghid ukoll illi ma hix il-mansjoni tieghu illi jara li l-korrezzjonijiet jsiru u *dunque* kien jinkombi fuq il-werrieta illi jiddikjaraw l-ishma korrettament u jaghmlu l-korrezzjonijiet mehtiega. Fil-fehma tal-Qorti wara illi anke ezaminat it-talbiet ta' l-atturi kif impustati waslet ghall-konkluzzjoni

[15] A fol. 48 tal-process

illi dan il-konvenut gie mharrek f'din il-kawza ghall-integrita' u ossevazzjoni tal-gudizzju u ghalhekk tenut kont ta' dan ma ghandux ibati spejjez;

**Decide:**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi :

a) Tordna lill-konvenuti hlief ghar-Registratur tal-Artijiet sabiex fi zmien xahrejn mid-data ta' din is-sentenza jikkoregu l-kuntratti ta' dikjarazzjoni tat-Trasferiment Causa Mortis li saru tal-mejta Rosaria Bonello, tal-ghoxrin (20) ta' Dicembru elf disa' mija hamsa u disghin fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech, u tal-hamsa (5) ta' Frar elfejn u wiehed (2001) fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro sabiex tirrifletti l-kwota li kellha d-decujus;

b) Tordna lill-konvenuti hlief ghar-Registratur tal-Artijiet sabiex fi zmien xahrejn mid-data ta' din is-sentenza jikkoregu l-kwota dikjarata minnhom fir-Registru tal-Artijiet provvenjenti mill-wirt tal-mejta Rosaria Bonello u l-wirt ta' Francesco sive Frencu Bonello mill-immobbli li gew mibjugha bil-qorti lill-atturi;

c) Tordna lill-konvenuti hlief ghar-Registratur tal-Artijiet sabiex fi zmien xahrejn mid-data ta' din is-sentenza jirregistraw it-titolu taghhom tal-kwota provvenjenti mill-wirt tal-mejtin Rosaria Bonello u Francesco sive Frencu Bonello mill-immobbli li gew mibjugha bil-qorti lill-atturi u li sal-lum ghadhom ma humiex registrati;

d) Tahtar lin-Nutar Enzo Dimech sabiex, jekk il-konvenuti jonqsu illi jaghmlu l-korrezzjonijiet ordnati fiz-zmien moghti, huwa jaghmel ir-registrazzjonijiet u l-korrezzjonijiet relattivi kif mitluba fl-ewwel tliet talbiet ;

e) Tahtar ukoll lil Dr. Jean Paul Grech bhala kuratur deputat sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq il-kuntratt korrettorju relattiv

u jaghmel dak kollu mehtieg sabiex il-korrezzjoni tidhol ukoll u tigi registrata fir-Registru tal Artijiet;

f) Tordna lir-Registratur tal-Artijiet jirregistra t-titolu tal-atturi ghad-dar u ghall-bicciet tar-raba' li gew illiberati favur taghhom bil-bejgh in licitazzjoni li sar fit-18 ta' Jannar 2016 ai termini tal-artikolu 12(1)(a)(c) tal-Kap.296 sabiex it-titolu taghhom isir wiehed regolari u skont il-ligi.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuti bl-eccezzjoni tar-Registratur ta' l-Artijiet li ma ghandux ibati spejjez.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/ Registratur

Vera kopja

D/Registratur